MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 626/2002/1

**Cit Nru: 626/02 JA.**

**Amanda Mifsud.**

**-vs-**

**Kevin Mangion.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fil-31 ta' Mejju, 2002 li permezz tieghu l-attrici ppremetiett:

Illi fit-12 ta' Novembru, 2000 fi Triq il-Kosta, Naxxar, Salina waqt li l-konvenut Kevin Mangion kien qed isuq il-vettura numru ta' registrazzjoni KBC 718 habat mal-

vettura numru ta’ registrazzjoni CAC 927 misjuqa minn u propjeta’ ta’ Anton Ciantar.

Li dan l-incident gara b’ tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut Kevin Mangion, tant hu hekk li s-socjeta’ assikuratrici tal-konvenut ghamlet tajjeb ghad-danni sofferti minn Anton Ciantar fil-vettur tieghu b’ rizultat ta’ l-imsemmi incident.

Li fil-vettur misjuqa minn Anton Ciantar kien hemm passigiera l-attrici Amanda Mifsud li bhala konsegwenza ta’ l-istess incident qed issofri minn dizabilita’ permanenti kif jidher mid-dokumnet hawn anness u mmarkat bhala “Dok. “A”” u kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Li l-konvenut Kevin Mangion ghalkemm mitlub biex jaddivjeni ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti, u li ghad tista’ ssofri l-attrici, baqa’ inadempjenti.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex:

1. M’ ghandux jigi dikjarat minn dina l-Qorti unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni konsegwnzjali f’ dizabilita’ permanenti sofferti mill-attrici u li ghad tista’ ssofri, ghal liema dann hija ghada ma thallsitx.

2. M’ ghandix din il-Qorti tillikwida dawn id-danni okkorrendo bl-opera ta’ *periti nominandi*.

3. Konsegwentement, ma’ ghandux il-konvenut jigi kundannat ihallas lill-attrici in linea ta’ danni l-ammont hekk likwidat.

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 4 ta’ Marzu, 2002 u tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment kontra s-socjeta’ assikuratrici tal-

konvenut, kontra l-istess konvenut li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat n-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut pprezentata fid-9 t’ Awissu, 2002 li permezz taghha ecepixxa:

1. Illi l-ewwel talba attrici hija ammessa.

2. Illi l-konvenut ma’ jopponix ruhu ghat-tieni talba attrici.

3. Illi l-konvenut ma’ jopponix ghat-tielet talba attrici.

4. Illi relattivament ghal kap ta’ l-ispejjez, dana ghandhu jigi soffert unikament mill-attrici stante li kien tort taghha li ma’ ntlahaqx ftehim bonarju accettabbli ghaz-zewg nahat.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali u l-verbal tas-seduta ta’ l-10 ta’ Dicembru, 2003 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher car mill-atti tal-kawza u specjalment min-nota tal-eccezzjonijiet, kull ma jrid jigi deciz hu l-ammont ta’ danni pagabbli lill-attrici stante li r-responsabilita’ ghall-incident giet ammessa mill-konvenut. Jidher ukoll illi l-kawza saret ghaliex ma’ ntlahaqx ftehim dwar dan.

Fis-seduta tat-3 ta’ Novembru, 2003 il-partijiet qablu illi jaccettaw bhala rata ta’ disabilita’ sofferta mill-attrici b’ rizultat tal-incident in kwistjoni, dik ir-rata stabbilita mill-kirurgu Dr. Fredrick Zammit Maempel nonostante li r-rapport tieghu gie esebit mac-citazzjoni tal-attrici liema rata hija ta’ erbgha (4%) fil-mija.

Il-partijiet esebew nota li permezz taghha indikaw l-ammont pagabbli skond huma. Fil-waqt li l-attrici qed tippretendi illi tithallas is-somma ta' tlettax il-elf, erbgha mija u erbgha u ghoxrin Lira Maltin (Lm 13,424), skond il-konvenut l-ammont pagabbli hu hamest elef sitt mija u tmienja u tletin Lira Maltin (Lm5,638).

Din id-diskrepanza hija dovuta ghal diversi fatturi izda l-ikbar wahda hija fil-multiplier li gie adottat mill-partijiet ghaliex filwaqt li l-attrici qed tippretendi li tinhadem fuq tlieta u erbghin (43) sena, il-konvenuta adotta hamsa u ghoxrin (25) sena. Din l-Qorti taqbel li l-ammont ta' hamsa u ghoxrin sena (25) hu dak li solitu jkun il-massimu u l-Qorti se tadotta dan l-ammont.

Diskrepanza ohra hija dwar jekk ghandhiex issir it-tnaqqis minhabba li l-pagament isir f' daqqa. Dan jiddependi fuq kemm tkun twalet il-vertenza. F' dan il-kaz kien hemm dewmien ta' tlett snin u nofs minn meta gara l-incident u kwindi l-Qorti thoss li t-tnaqqis ghandu jkun ta' (10%) ghaxra fil-mija minflok is-solitu (20%) ghoxrin fil-mija. Hemm imbaghad il-kwistjoni ta' jekk l-attrici ghandhiex tigi mhallsa ghat-telf ta' paga stante li ex admissis hija ma' tilfitx paga, izda l-Qorti thoss ladarba giet kostretta tiehu *'sick leave'* minhabba l-incident ghandha tigi kompensata.

Illi ghalhekk il-Qorti thoss li s-somma pagabbli ghandha tkun:

Erbgha fil-mija (4%) ta' sebat elef u sebgha Liri Maltin (Lm7007) {salarju medju ghas-snin 2000-2003, inkrementat bl-10% ghall-inflazzjoni} fuq medda ta' hamsa u ghoxrin (25) sena – Lm7007.

Tnaqqis ta' sebgha mija u sebgha Liri Maltin (Lm707) ghall-hlas f' daqqa (Lm700) – Lm6307.

Zieda ta' sitt mija u tmien Liri Maltin (Lm608) u tlieta u tletin Lira Maltin (Lm33) spejjez medici – Lm6948.

**Ghaldaqstant il-Qorti fl-ammissjoni tal-konvenut tilqa' t-talbiet kollha tal-attrici u tillikwida d-danni ghas-somma ta' sitt elef, disgha mija u tmienja u erbghin Lira Maltin (Lm6,948), tikkundanna ghalhekk lill-konvenut jhallas din is-somma lill-attrici.**

**L-ispejjez ghandhom jigu sapportati mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------